



Pjan ta' Investiment għall-Ewropa | Lulju 2018

IL-PJAN JUNCKER JILĦAQ
IL-MIRA TA' INVESTIMENT TA'

**€315
BILJUN**



SKEDA INFORMATTIVA TAS-SETTUR - SMES




IL-PJAN JUNCKER KIF IBBENEFIKA LIS-SETTUR TAN-NEGOZJI Ż-ŻGĦAR?

Kważi 1-24 miljun kumpanija kollha fl-UE huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). L-UE tixtieq tippermettilhom jirnexxu fis-suq Ewropew u globali. Għalhekk, wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, il-Pjan Juncker, huwa li jiġi appoġġjat l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs. Dawn għandhom ħafna tipi ta' finanzjament disponibbli taħt il-FEIS, inklużi self, mikrofinanzjament u garanziji jew finanzjament mill-bejgħ ta' ishma permezz ta' fondi ta' kapital ta' riskju, investituri informali jew investituri soċjali.



Negozju żgħir u ta' daqs medju qed jibbenefikaw minn aċċess aħjar għall-finanzi bis-saħħa tal-appoġġ tal-FEIS



Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) jista' jintuża biex jiġu inanzjati proġetti:





EŻEMPJI TA' PROĠETTI APPOĠĠJATI MILL-PJAN JUNCKER

Il-produzzjoni taż-żejt tal-ġirasol fil-Bulgarija: OLIVIA AD



Self ta' €31 miljun lil Olivia AD, produttur taż-żejt tal-ġirasol ibbażat fil-Bulgarija, qed jgħinu jiiżviluppa impjant ġdid ta' produzzjoni biex jiġu appoġġjati l-pjanijiet ta' espansjonijiet tiegħu. L-investiment jinkludi impjant tat-trattament tal-ilma mormi fuq il-post u kaldarun tal-fwar tal-bijomassa, li jużaw il-prodotti sekondardji bħala fjuwil-materja prima, li jagħtu lill-fabbrika t-tiġhin kollu meħtieġ għall-produzzjoni. Il-kumpanija bħalissa timpjega aktar minn 400 persuna.

Il-produzzjoni taż-żebbuġ fil-Greċja: MANI FOODS



Mani Foods tipproduċi, tqiegħed f'pakketti u tesperta ż-żebbuġ kalamata, fejn rebħet premijiet għaż-żejt taż-żebbuġa straverġni tagħha. Biex tlaħħaq mad-domanda li dejjem baqgħet tikber, Mani Foods kellha tinvesti f'makkinarju ġdid. Permezz tal-appoġġ mill-Pjan Juncker, il-kumpanija espandiet il-fabbrika tagħha għal negozju ġdid, żviluppat linji ta' prodotti ġodda u rduppjat il-persunal tagħha.

Manifattur tal-ġugarelli tat-tfal fil-Portugall: SCIENCE4YOU



Self ta' €10 miljun qiegħed jippermetti lill-kumpanija Portugiża Science4YOU tiżviluppa u tipproduċi ġugarelli xjentifiċi u edukattivi biex ittejjeb il-kapaċitajiet konjittivi tat-tfal. Il-kumpanija qiegħda tuża l-finanzjament sabiex tiżviluppa prodotti ġodda u tkabbar il-bejgħ tagħha.